MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2006

Numru 949/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Angelo Gafa**
**V**

**ORAZIO ZAHRA**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **ORAZIO ZAHRA** ta' erbgha w erbghin sena bin Michael u Guzmana nee Debono, imwieled Pieta nhar d-disgha w ghoxrin ta' Novembru 1961 u joqghod 40, Triq Santa Margerita, Siggiewi, detentur ta' karta tal-identita numru 744161M gie mressaq quddiemha akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fis-sbatax ta' Frar 2006, approprja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra minn xi haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht t-titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, u cioe ha u zamm ghandu tlett mitt lira maltin ghad-dannu

tas-Socjeta Maltija tas-Salib l-Ahmar, u liema flus gew fdati jew ikkunsinnati lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, tikkundanna lil imputat ghal hlas tal-ispejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif kontemplat fl-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz l-kunsens tal-Avukat Generali datat sebgha ta' Settembru 2006, sabiex fin-nuqqas t'oggezzjoni da parti tal-imputat, din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta.

Semghet lil imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kawza tieghu tigi trattata u deciza minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha ta' gudikatura kriminali kif jirrizulta mill-ezami li sar lil istess imputat nhar d-disgha ta' Ottubru 2006, ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta [fol 7].

Semghet l-provi kollha prodotta mill-prosekuzzjoni u lil imputat jixhed minn jeddu b'mod voluntarju.
Semghet lil partijiet jittrattaw il-kawza fis-seduta ta' nhar l-ghoxrin ta' Novembru 2006.

Ikkunsidrat:

Illi nhar d-disgha ta' Ottubru 2006 **xehed l-Ispettur Angelo Gafa** [fol 8] fejn qal li lejn l-ahhar ta' Gunju jew bidu ta' Lulju 2006, hu kien irieva rapport minghand l-Malta Red Cross Society rigwad allegat approprjazzjoni in debita ta' tlett mitt lira maltin minn certu Orazio Zahra li kien *manager* voluntarju fil-Water Rescue Section fil-Malta Red Cross Disaster Response Team.

Qal li l-Malta Red Cross hija socjeta li l-missjoni taghha hija li taghmel xoghol voluntarju sabiex tipprevjeni u anke tipprova tnaqqas *human suffering* u tipromwovja sitwazzjoni ta' nies vulnerabbli u dan minghajr ma taghmel

diskriminazzjoni ta' razza, nazzjonalita, sess, klassi, opinjonijiet politici u dawk religjuzi. Qal li l-maggor parti tal-flus li tiggwadanja s-socjeta Maltija tas-Salib l-Ahmar, [r-Red Cross], jigi minn donazzjonijiet pubblici u anke minn qligh li jsir minn korsijiet ta' *first aid*, *membership fees* u minn xi bejgh ta' xi *first aid items*.

Is-socjeta Maltija tar-Red Cross tipprovdi Water Rescue Service fejn dan ghandha *life guards* imxerrda ma diversi bajjiet fil-Gzejjer Maltin. Ghandha wkoll arrangament mar-Razzett tal-Hbiberija fejn dawn il-voluntiera tar-Red Cross jigu pprovduti bil-facilitajiet ghal *pool* tal-istess Razzett tal-Hbiberija ghat-tahrig taghhom u dawn, b'hekk jipprovdu servizz lil istess Razzett tal-Hbiberija b'dak l-mod.

Zied jghid li Paul Portelli, li dak iz-zmien kien d-Direttur tal-Malta Red Cross, spjega li f'Gunju 2006, kien mitkellem minn certu Mark Sultana li hu *operations manager* tar-Razzett tal-Hbiberija fejn infurmah li l-Malta Red Cross Society kienet ghamlet kors ta' *life saving* lil ghaxar impjegati tar-Razzett tal-Hbiberija, u fl-ahhar tal-kors, Orazio Zahra, li kien *instructor* f'dan il-kors, kien talab tlett mitt lira kif kien miftiehem mar-Razzett tal-Hbiberija u talab lil Mark Sultana sabiex johroglu cekk f'ismu. Qal li Mark Sultana kien informa f'Gunju lil Paul Portelli li sak z-zmien ma kien hariglu ebda certifikati ta' dan il-kors, minkejja li dan kien sar ghal habta ta' Jannar u Frar 2006, u kull darba li kien jistaqsi lil Orazio Zahra l-imputat odjern, dan kien dejjem jghidilhom li ghandu problema sabiex johrog dawn ic-certifikati u kien bi hsiebu jirranga s-sitwazzjoni.

Kompla jghid li fl-erbgha ta' Lulju 2006, kien mar Paul Portelli ghandu l-ufficju fejn ghaddielu kopja ta' e-mails bejn l-imputat u Mark Sultana fejn dan rrizulta bic-car li dan il-kors ta' bejn Jannar u Frar 2006, kien imtella f'isem l-Malta Red Cross Society. Qal li fil-fatt, fl-ahhar ta' dan il-kors, l-partecipanti kellhom jiehdu Red Cross Certificate lokali. Qal li kien ghaddielu wkoll kopja tac-cekk in kwistjoni ta' tlett mitt lira maltin li dan kien ghadda lil Orazio Zahra ghal dan l-istess kors. Qal li hu kien talab *image* ta' dan l-istess cekk tal-HSBC ta' tlett mitt lira fejn

dawn kienu kkonfermawlu li l-istess cekk kien gie despositat f'kont bankarju 037022290001 li kien f'isem l-imputat u Catherine Zahra u dan d-depositu sar fis-sbatax ta' Frar 2005.

Ix-xhud kompla jghid li hu kien tkellem wkoll ma Mark Sultana fejn dan kien ikkonfermalu li kellu ghaxar impjegati r-Razzett tal-Hbiberija li kienu ghamlu dan il-*life saving course* u dan suppost fl-ahhar tal-kors, kellhom jiehu r-Red Cross Life Saving Certificate. Mark Sultana kien qallu li l-imputat kien talbu sabiex johroglu c-cekk f'ismu u ghalhekk fdah li kien ser jghaddih lil Malta Red Cross Society peress li kien ilu jafu ghal erbgha snin u dan waqt li kien jahdem mal-Malta Red Cross. Ix-xhud zied jghid li Mark Sultana kien qallu li kull darba li kien icempel lil imputat, dan kien jghidlu li kellu problema pero dejjem kien iwieghdu li kien ser johrog ic-certifikati. Qal li meta Mark Sultana qata' qalbu, kien avvicina lid-Direttur Generali tar-Red Cross u cioe lil Paul Portelli. Qal li sussegwentement hu kien gie mgharraf li apparti dawn l-ghaxra minn nies impjegati mar-Razzett tal-Hbiberija, kien hemm xi nies ohra pajzana, terzi persuni li ghamlu l-istess kors u kien tkellem ma certa Marie Montebello li kienet ikkonfermatlu li ghamlet dak l-kors u ziedet tghidlu wkoll li pero t-tletin lira tal-kors ma kienetx hallsithom lil imputat peress li ma kienx taha c-certifikat relattiv, kif kien wieghda. Zied jghid li hu kellu wkoll allegazzjonijiet li l-imputat setgha, apparti dawk t-tlett mitt lira, immisapproprja flus ohra tar-Red Cross bl-istess mod billi organizza korsijiet ohra. Qal li kien gie mgharraf li kienu saru xi korsijiet f'Selmun Palace Hotel, pero minn investigazzjonijiet li ghamel, sab li ghalkemm kien veru pero l-imputat kien ghamel dawk l-korsijiet f'iem Societa Nazionale di Salvamento, u mhux f'isem r-Red Cross w allura l-flus ma kienux jappartjenu lir-Red Cross.

Qal li fil-hamsa w ghoxrin ta' Lulju 2006 hu tkellem mal-imputat presenti fl-awla fejn kien ammetta mieghu li r-Razzett tal-Hbiberija kienu ghaddewlu tlett mitt lira ghal kors li kien organizza fis-sena 2006 u li dawn il-flus qatt ma kien ghaddiehom lil Malta Red Cross u kien

<u>iddeposithom f'kont bankarju tieghu bhala kumpens ghal flus li kienu dovuti lilu</u>.

Ix-xhud esibixxa rapport li sar minn Paul Portelli bhala Direttur Generali tal-Malta Red Cross li gie mmarkat bhala document AG 1, stqarrija tal-imputat li giet mmarkata bhala document AG 2, fuq liema x-xhud gharaf kemm il-firma tieghu, dik tal-imputat u dik ta' PS 824 Arthur Mercieca li kien xhud tal-istqarrija li ttiehdet wara li l-imputat kien gie moghti s-solita twissija. Esibixxa wkoll bhala dokument AG 3, *cheque image* tal-istess cekk datat ghoxrin ta' Jannar 2006 mahrug mir-Razzett tal-Hbiberija moghti lilu mill-HSBC li fuq wara tieghu hemm jidher n-numru tal-*identity card* ta' Catherine Zahra, l-mara tal-imputat. Esibixxa bhala dokument AG 4 kopja tad-*deposit slip* tal-istess cekk li maghha hemm mehmuz ittra ta' Dottor A. Mamo tal-HSBC li fiha jghid li dan ic-cekk gie depositat fil-kont barkarju 3037022290001 f'isem l-imputat u martu. Esibixxa wkoll bhala dokument AG 5 ittra mghoddija lilu minn Dottor A. Mamo datata tnejn w ghoxrin ta' Awissu 2006 li turi li dan c-cekk kien gie depositat fis-sbatax ta' Frar 2006.

Zied jghid li mill-investigazzjoni li hu ghamel, rrizultalu li verament l-imputat kellu jiehu xi flus minghand r-Red Cross pero hemm disgwid fis-sens li ma qablux fuq l-ammont li kellu jiehu l-imputat. Irrizultalu wkoll li huwa minnu li l-imputat zamm l-flus ghalih bhala parti ta' *set off*. Qal li l-imputat ammetta mieghu f'dan s-sens. Qal li l-imputat kien qallu li r-Red Cross kienu hallsuh s-somma ta' mitt lira ghal kors li kien ghamel u kien l-imputat stess li qallu li ma kienx hemm qbil fuq l-ammont li kellu jiehu minghand r-Red Cross. Qal li kien minnu li Paul Portelli kien qallu li l-imputat kien ghamel ghadd ta' misapproprjazzjoni ta' ammonti ohra pero mill-investigazzjoni mizmuma, dan ma rrizultalux.

Illi nhar d-disgha ta' Ottubru 2006 **xehed Paul Portelli** [fol 22] fejn meta gie muri d-dokument AG 1 ix-xhud qal li dan huwa rapport miktub minnu u gharaf il-firma tieghu fuqu. Qal li dak z-zmien hu kien jokkupa l-kariga ta' Direttur Generali tar-Red Cross Malta. Mistoqsi kif jaf lil imputat,

x-xhud qal li jafu fil-kapacita tieghu bhala Direttur meta huwa kien imexxi xi korsijiet tal-Water Rescue ghar-Red Cross. Qal li fid-dsatax ta' Gunju 2006 kien cempillu l-*operations manager* tar-Razzett tal-Hbiberija Mark Sultana u qallu li xtaq ikellmu wicc imb'wicc u l-ghada filghodu flimkien mal-*accountant*, iltaqghu mieghu u dan qallu li f'Jannar 2006, kien sar kors fir-Razzett tal-Hbiberija ghal impjegati tal-istess razzett u kellhom suspett li r-Red Cross ma kienx jaf b'dan il-kors li effettivament kien gie mizmum f'isimhom u effettivament kien hallas ghal dan il-kors w inhareg cekk f'isem l-imputat. Qal li hu talbu informazzjoni aktar bil-miktub fis-sens ta' kopja tal-e mails li kienu gew mibdula bejnu u bejn l-imputat kif wkoll kopja tac-cekk mill-bank li kien effettivament inghata lil imputat.

Qal li sussegwentement hu informa lil Ispettur Gafa b'dak li kien irrizultalu u kien ser jghaddilu l-materjal kollu li kellu jircievi. Qal li wara hekk ghamel. Zied jghid li sussegwentement hu rcieva kopja tal-*e mails* li kienu gew mibdula bejn r-Razzett tal-Hbiberija Mark Sultana u l-imputat. Qal li wara kienet intbaghtitlu *e mail* bi *scan* tac-cekk li kien hareg Mark Sultana ghan-nom tar-Razzett tal-Hbiberija f'isem l-imputat fl-ammont ta' tlett mitt lira maltin. Qal li lil imputat hu ma kienx kellmu fuq ic-cekk. Zied jghid li sussegwentement hu ghamel appuntament mal-Ispettur Gafa u tah l-affarijiet li kellu f'idejh.

Spjega li huma ma kellhom jaghtu ebda ammont ta' flus lil imputat dak iz-zmien. Qal li hu beda jahdem mar-Red Cross xi sentejn qabel u dak iz-zmien l-imputat kien qallu li kellu jiehu xi flus minghand r-Red Cross ghal xoghol li kien ghamel xi erbgha jew hames snin qabel u hu kien qallu biex jghamillu t-talba bil-miktub biex ikun jista jghaddi kollox lil *finance committee* u hekk ghamel. Qal li meta l-*finance committee* iddiskuta dak li kien qed jippretendi l-imputat, infurmawh li dik il-kwistjoni kienet diga giet diskussa xi snin qabel u kienu waslu ghal konkluzzjoni li l-imputat ma kellu jiehu xejn minghandhom. Qal li hu kien informa lil imputat b'dik d-decizjoni.

Qal li huma ma kienux thallsu talli hu ghamel dak l-kors ghaliex effettivament ma kienux jafu bih. Qal li sar jaf b'dan il-kors li kien zamm l-imputat minghand Mark Sultana. Ix-xhud kompla jghid li huma jipprovdu servizz ta' *life guard* f'xi bajjiet u l-imputat kien qallu li kien xtara xi *beverages* w ikel ghal xi voluntiera u kien ippresentalu ricevuti u ma kien thallas qatt. Qal li mhux prassi li *instructor* li jkun responsabbli jixtri xi ikel u xorb ghal voluntiera. Qal li l-*finance committee* lilu ma qallux li ma riedux jaghtuh flus izda li l-kwistjoni kienet diga giet diskussa u li kienet ittiehdet d-decizjoni li ma jhallsuhx. Qal li raguni ghal dan hu m'inghatax. Cahad dak allegat mid-difiza, li hu lil imputat kien qallu li dik il-kwistjoni ma gratx fi zmienu u biex jghamilhilu bil-miktub. Qal li lil imputat hu kien qallu li fejn setgha, kien ser jghinu. Cahad li hu ma kienx qal lil imputat li l-*finance committee* ma riedux jhallsuh. Qal li r-relazzjoni bejnu u bejn l-imputat ma kienetx wahda pjacevoli, pero din il-kwistjoni ma kelliex x'taqsam ma dan. Qal li lanqas ma ibnu ma hu kellu relazzjoni tajba. Qal li kien cert li kien informa lil imputat li l-*finance committee* ma kienx ser jhallsu.

Illi nhar d-disgha ta' Ottubru 2006 **xehed Mark Sultana** [fol 25] fejn qal li hu jokkupa l-kariga ta' *General Manager* mar-Razzett tal-Hbiberija u qabel kien *operations manager*. Mistoqsi jekk jafx lil imputat, ix-xhud wiegeb fl-affermattiv. Qal li huma kellhom rappresentanti tar-Red Cross li kienu jaghmlu xoghol voluntarju fir-Razzett tal-Hbiberija. Qal li huma kienu grupp ta' *life guards* li huma mpjegati mar-Razzett tal-Hbiberija u xtaqu lir-Red Cross jghamlulhom kors. Qal li hu qal lil imputat biex jipprovdilhom dan l-kors u biex jaghtih dati meta seta' jsir u l-imputat irranga ghal dan.

Qal li hu nghata s-somma ta' tlett mitt lira ghal dan il-kors li kien zamm hu. Ix-xhud qal li hu hareg ic-cekk f'isem l-imputat ghal kors li nzamm fil-hmistax ta' Jannar 2006. Qal li c-cekk originali llum il-gurnata jinsab il-bank. Meta gie muri fotokopja tac-cekk, ix-xhud qal li l-firma hija l-firma tas-CEO taghhom. Qal li kien u li taha c-cekk bhala pagament ghal kors li sar. Mistoqsi ghaliex c-cekk hargu f'isem l-imputat u mhux f'isem r-Red Cross, ix-xhud

wiegeb li dan ghamlu fuq talba tal-imputat stess. Qal li hu kien ilu jaf lil imputat ghal zmien twil w ghalhekk ma kienx sab oggezzjoni ghaliex setgha jaghmel *tracing* tal-istess cekk jekk ikollu bzonn. Qal li sussegwentement kellu jinghata xi *life saving certificates*, pero dawn baqghu ma nhargux u l-imputat kien qallu li kellu xi problemi mar-Red Cross. Qal li kien ghalhekk li kien ghamel kuntatt dirett mar-Red Cross u tahom din l-informazzjoni. Qal li c-certifikat tal-*life saving* kellu johrguhom direttament mir-Red Cross. Spjega li l-kors gie organizzat bejnu u bejn l-imputat. Qal li wara li kien talab lil imputat ghal prezzijiet tar-Red Cross, l-imputat kien tah zewg prezzijiet, wahda tar-Red Cross u l-ohra ta'organizzazzjoni barranija. Qal li hu kien qal lil imputat li hu kien xtaq li c-certifikat ikun tar-Red Cross. Ix-xhud qal li ma kienx jiftakar li l-imputat kien qallu li kellu jiehu xi flus minghand r-Red Cross, ghalkemm illum il-gurnata jaf li l-imputat kellu jiehu.

Qal li kieku kien jaf li l-imputat kellu jiehu xi flus minghand r-Red Cross, kien jahsibha jekk johrogx ic-cekk jew le. Qal li wara sar jaf li l-imputat kellu jiehu xi flus peress li kien urih xi karti, pero hu kien qal lil imputat li ma xtaqx jidhol f'dik il-kwistjoni. Qal li kien l-imputat li kellmu fuq xi flus li kellu jiehu. Qal li meta ltaqa ma Paul Portelli fl-ufficju tieghu, hu ma kienx jaf li huma kienu applikaw ghal kors. Qal li hu kien jaf li l-impjegati tieghu ghamlu hin twil ghal *training* u qallu biex johroglu certifikat peress li legalment dawn suppost ikollhom certifikat. Qal li sussegwentement, wara li hu kien ghadda l-informazzjoni lil Paul Portelli, dan hariglu certifikat.

Illi nhar s-sittax ta' Ottubru 2006 **xehdet Audrey Ghigo** [fol 29] fejn esibiet cekk bin-numru 145 mahrug mill-HSBC, account number 087080768001, li gie mmarkat bhala dokument 'Z'. Mistoqsija mill-prosekuzzjoni jekk dan ic-cekk giex depositat fil-kont ta' Catherine Zahra biss ix-xhud wiegbet li l-kont 037022290001 huwa intestat mal-HSBC f'isem l-imputat u Catherine Zahra u li c-cekk gie deppositat fis-sbatax ta' Frar 2006. Ziedet tghid li d-dokument AG 4 huwa *deposit slip* ta'dan ic-cekk in kwistjoni.

Illi nhar s-sittax ta' Ottubru 2006 **xehed l-imputat minn jeddu b'mod voluntarju** [fol 32] fejn qal li hu kellu ricevuti li kien iddeposita fil-*headquarters* tar-Red Cross fis-sena 2001, liema ricevuti kienu jirrappresentaw flus li kien hallas minn butu ghal *refreshments* tal-voluntiera tar-Red Cross. Spjega li fis-sena 1999 hu kien dahal bhala *volunteer* attiv mar-Red Cross, ha l-kors necessarju biex lahaq *instructor* tal-Water Rescue mal-*life guards*. Fis-sena 2000 gie vvutat sabiex ikun ko-ordinatur mal-Malta Rescue. Qal li bhala procedura r-*refreshments* kienu jithallsu mic-Civil Protection Department u peress li kienu jdumu biex jithallsu, tal-hanut qalet li ma kienetx ser taccetta li tibqa responsabbli tac-Civil Protection Department. Ghalhekk, zied jghid ix-xhud, beda jhallas minn butu u wara jigi rimborzat mir-Red Cross. Qal li hemmhekk kienu jkunu *weekends* u *public holidays*, jibdew fl-ghaxra ta' filghodu u jispiccaw fis-sitta ta' filghaxija u kienu jkunu numru varjat, daqqa ghaxra, daqqa tmienja u daqqa tlettax. Qal li huma kienu jaghmlu dan x-xoghol bhala voluntiera. Qal li meta ppresenta r-ricevuti lid-Direttur Generali Francis X. Aloisio dan kien irrispondih li flus minn fejn ihallsuh ma kienx hemm u li kellu jissapporti.

Qal li sussegwentement Francis Aloisio rrizenja mill-kariga u lahaq haddiehor u hu rega' ghamel l-istess talba biex jigi rimborzat. Qal li pero l-ircevuti ma setghux jinstabu w ir-risposta li tawh kienet li ma setghu jghamlu xejn peress li dak li kien gara, kien gara fi zmien Direttur Generali iehor. Qal li hu kien irrispondihom li lid-Direttur Generali hu ma kienx jgharfu bl-isem izda bhala rappresentant tar-Red Cross. Qal li sa sena wara li baqa jaghmel dan x-xoghol, baqa jaghmel din l-istess talba biex jigi rimborsat. Qal li hu ghadu membru tar-Red Cross, ghalkemm sospiz. Qal li sussegwentement waqt *meeting* kien rega' semma l-istess talba lil kumitat ezekuttiv u peress li sabuha difficli biex jiehdu decizjoni biex ihallsuh, hu kien qalilhom li kien ser ihallihom pero jekk fil-futur kellu jigri kaz simili minghajr ma jkunu jistghu jinstabu r-ricevuti, allura hu kellu dritt ghal tieghu wkoll. Qal li hu kellu jiehu sitt mitt lira mir-Red Cross u ddecieda li jwaqqghha ghal hames mija u tmenin lira sabiex ma jiehux flus zejda.

Kompla jghid li fis-sena 2003 kien hemm kaz simili fejn jirrigwarda xi hlasijiet li kienu dovuti fis-sena 2001 u dan kien jikkoncerna certu David Grech li kien tezorier li kien qed jitlob hames mija w ghoxrin lira rappresentanti flus li kien hallas minn butu ghan-nom tar-Red Cross u dawn l-ircevuti ma nstabux u kien inhareg xi forma ta' *invoice* u dan gie mhallas. Qal li sussegwentement waqt seduta fin-*National Board*, peress li dak z-zmien hu kien membru, hu kien fakkar x'kien intqal fis-seduta tas-sena 2002 fil-kofnront tieghu w insista li hu kellu jiehu flusu lura. Qal li ghal darb'ohra risposta m'inghatax w ghal habta ta' Novembru 2005, hu kien iltaqa mal-President taghhom l-Professur Lino Cutajar u l-Vici President Carmel Busuttil fejn fost prioblemi ohra semmilhom l-problema tal-finanzi tieghu u l-Professur Lino Cutajar kien talbu jaghmel t-talba tieghu permezz ta' ittra u hu hekk kien ghamel u baghtlu *e mail* u ta kopja taghha lil Carmel Busuttil. Qal li peress li baqa bla risposta rega' baghat l-istess ittra xi hames jew sebat ijiem wara. Qal li sadanitant hu kellu xi *courses* ohra ghaddejjin fosthom tal-Water Rescue, mertu ta' din il-kawza.

Spjega li l-korsijiet jigu organizzati jew minn klijenti li jkunu gia tar-Red Cross u jaghmlu talba jew huma stess l-voluntiera johorgu *promotion* biex ibieghu dan il-pakkett tar-Red Cross. Qal li r-Razzett tal-Hbiberija kienu jafu lir-Red Cross jaghmlu dawn t-tipi ta' korsijiet u kienu avvicinawh peress li snin qabel kien diga tahom kors bla hlas. Qal li hu accetta li jaghmel dan il-kors u kien informa b'dan lil *administration* tar-Red Cross u cioe lil persuna li kienet inkarigata biex torganizza dawn il-korsijiet certa Ruth Saliba. Qal li sussegwentement hu kien ghamel dan l-kors u thallas sebgha w disghin lira circa. Qal li sussegwentement kien hemm kors iehor tal-*first aid* li kien ta' tnax il-siegha ghal prezz li ma jaqbizx l-hamsin lira u kien thallas wkoll tieghu permezz ta' cekk wiehed. Qal li dan ic-cekk ta' circa mija u hamsin lira, hu kien iddepositah fil-kont tieghu. zied jghid li sadanitant, inhareg cekk tal-Water Rescue mir-Razzett tal-Hbiberija. Qal li hu talabhom johorgu dan ic-cekk f'ismu ta' tlett mitt lira u meta ircieva c-cekk tah lil martu Catherine biex

tiddepositah fil-kont taghhom u hekk ghamlet martu. Qal li lil Ruth Saliba hu kien qalilha li l-flus tar-Razzett tal-Hbiberija kienu ghandu pero ma setghax jaghtihomlhom ghaliex fl-istess zmien, l-ispiza tas-sena 2005 li kellu jiehu minghand r-Red Cross kienet ta' mija sebgha w sittin lira bhala ghal darb'ohra hlas ta' *refreshments* lil voluntiera u spejjes ohra ancillari bhala *maintenance* fuq dghajsa u spejjes ohra pero lil Ruth Saliba ma kienx qalilha li kien ser izomm l-pagament ta' tlett mitt lira bhala bilanc ta' flus dovut lilu mir-Red Cross. Qal li dan ghamlu ghaliex Ruth Saliba kienet qaltlu li kienu waslu biex ihallsuh. Ix-xhud esibixxa dokument li juri s-somma flus li kien qed jippretendi mir-Red Cross li gie mmarkat bhala dokument 'S'. Qal li anness ma dan d-dokument, huwa parova li hu ddeposita l-ircevuti koncernati li kienet irceviet Ruth Saliba. Esibixxa wkoll kopja tal-ittra li kien baghat lil Professur Lino Cutajar li giet mmarkata bhala dokument 'T'. Ix-xhud ikkonferma li c-cekk ta' tlett mitt lira gie depositat fil-kont taghhom fis-sbatax ta' Frar 2006 u fl-ghoxrin ta' Marzu kien baghat lil martu tigbed dawn il-flejjes mill-bank halli appena jithallas ikun jista jaghtihom l-flus lura.

Ix-xhud esibixxa bhala dokument 'X' kopja tal-bank statements tieghu li jindikaw meta l-flus gew depositati u bhala dokument 'Y' dokument li jindika meta dawn t-tlett mitt lira gew irtirati mill-kont taghhom. Qal li dakinhar martu irtirat s-somma ta' erbghin lira mill-kont taghhom [dok. 'Q'].

Spjega li fil-wiehed u tletin ta' Marzu 2006, kien mistieden ghal *symposium* tar-Red Cross u staqsa ghaliex ma kienx ghadu ircieva c-cekk u xi hadd mill-membri tal-bord esekuttiva, qallu li kienu qed jistennew xi firma. Qal li c-cekk ta' tmien mija sebgha w sittin lira u cioe l-ispejjes li hu kien talab fit-tieni talba tieghu, wasallu dakinhar. Qal li sussegwentement hu mar fuq il-President u fakkru fuq dak li kellu jiehu qabel u lanqas biss *acknowledgment* ma kien ircieva ghal ittra li kien baghat. Qal li l-President kien qallu li d-domanda tieghu kien ghaddieha lin-*National Board* w ghalhekk hu mar ikellem lil Carmel Busuttil fuq l-istess bicca xoghol li qallu li l-president kien halla f'idejh

pesonalment. Zied jghid li hu rega' kellem lil Professur Lino Cutajar li qallu li kien ser jerga jghaddiha lil bord. Qal li ghalhekk zamm t-tlett mitt lira ghandu u ma tahom lil hadd u fil-fatt kienu ghadhom ghandu. Qal li lil Paul Portelli hu kien ikellmu fuq dawn il-flus u kien jghidlu biex jghamilha bil-miktub biex iressaqha. Qal li zamm dawn il-flejjes ghandu peress li tawhx r-rimbors li kien qed jippretendi li fil-fehma tieghu, kellu ghal inqas parti minnu. Zied jghid li ma dawn t-tlett mitt lira, kellu jiehu mitejn lira ohra. Cahad dak li qal Paul Portelli ghaliex c-certifikati tal-Water Rescue ma hargux minhabba problemi ohra fl-ufficju u mhux li ma kienux jafu bil-korsijiet.

Ix-xhud kompla jghid li fl-istess perjodu ghamlu tlett korzijiet ohra fid-Dolmen w iehor fir-Razzett tal-Hbiberija u minn Frar, disgha w tletin certifikat tad-Dolmen hargu biss sitt gimghat qabel. Qal li dawk tar-Razzett tal-Hbiberija ghadhom ha haduxhomx sa dakinhar. Qal li l-korsijiet li ghamel lil Baystreet f'Novembru ta' qabel haduhom xi xahar u nofs qabel. Qal li dawk huma korsijiet imhallsin direttament lir-Red Cross. Qal li sussegwentement l-pulizija kienu staqsewh xi domandi fuq korsijiet ohra mizmuma minnu li kien ghamel f'isem Societa Nazionale di Salvatoaggio, pero din ma kellha xejn x'taqsam ma din il-kwistjoni. Ix-xhud qal li kien irrilaxxja stqarrija li kellu kopja taghha, liema stqarrija hija esibita bhala dokument AG 2. Wara li giet moqrija l-istqarrija minnu rrilaxxja, ix-xhud ikkonfermaha salv ghal dik il-parti fejn induna li kien hemm zball fis-sens li l-*warrant number* tieghu mhux kif kien tah lil ispettur imma differenti li kellu jkun 56. Meta l-prosekuzzjoni ghamlitlu referenza ghal dik il-parti tal-istqarrija fejn qal li ma kien informa lil hadd mir-Red Cross li kien ircieva dan il-pagament ta' tlett mitt lira, ix-xhud jghid li l-fatt li kien ser izomm il-flus ghalih u ma jinforma lil hadd kien veru. Qal li kien informa lil Ruth Saliba li ma setghax jaghtihomlha. Qal li kien qalilha li rceviehom pero li ma setghax jaghtihomlha peress li kellu jiehu. Qal li ma semmiex dan il-fatt fl-istqarrija peress li kienet l-ewwel darba li kien gie arrestat u ma kienx qed ihossu komdu. Qal li l-verita hija li lil Ruth Saliba kien qalilha li rcevihom.

Illi nhar l-ghoxrin ta’ Novembru 2006 **rega’ xehed l-imputat** [fol 59] fejn qal li fis-sena 2002, il-*finance committee* kien qallu, b’mod verbali, li jekk ma jipprovdix ricevuti, ma kienux ser jhallsuh. Rega’ rrepeta li hu kien qalilhom li kien ser jaccetta d-decizjoni sakemm jekk ikun hemm xi hadd iehor u jkollu kaz simili, jiehu l-istess risposta li ha hu u jekk l-affarijiet jkunu differenti, jerga jqajjem l-kaz tieghu. Spjega li fil-fatt, l-ittra dokument ‘Z’ hu kien baghatha fuq parir tal-Professur Lino Cutajar stess wara l-*meeting* li kellu mieghu. Qal li risposta fuq din l-ittra hu ma kienx ircieva. Zied jghid li fil-wiehed u tletin ta’ Marzu, waqt *symposium*, kien tkellem mal-Professur Lino Cutajar u staqsih x’kien sar fuq l-ittra u dan kien qallu li kien ghaddiha lin-*National Board* u li kien il-bord li kellu jiddeciedi. Zied jghid li meta staqsa lil Carmel Busuttil, bhala Vici President u membru tal-bord dwarha, l-Professur kien qal li kien ser jiehu hsiebha personalment hu. Qal li meta rega’ kellem lil Professur Lino Cutajar qallu li kien ser jghaddiha. Qal li kien ghalhekk li ddecieda li jzomm l-flus tar-Red Cross ghal certu zmien. Qal li kellu jiehu wkoll tmin mija u sebghin lira ohra u kien iddecieda li jzomm l-flus sakemm jigi deciz l-kaz tieghu. <u>Qal li fil-fehma tieghu hu kien ghamel *set off* ta’ parti mill-flus li kellu jiehu</u>. Qal li t-talba tieghu kienet ta’ hames mija u tmenin lira maltin.

Illi nhar l-ghoxrin ta’ Novembru 2006 **xehed l-Professur Lino Cutajar** [fol 47] fejn qal li lil imputat kien jafu u sar jafu meta lahaq President tal-Malta Red Cross w ghalhekk kien jafu fil-kapacita tieghu bhala President tar-Red Cross. Qal li hu kien ghadu President sa dakinhar. Qal li bhala President isir jaf lil volontiera u lil impjegati tar-Red Cross u l-imputat kien wiehed minnhom. Qal li hu ma jokkupax il-kariga ta’ *day to day management* tar-Red Cross, din tinsab fil-bord biss. Qal li l-bord jircievi rapport minghand d-Direttur Generali tar-Red Cross li jkun inkarigat mid-*day to day operations* taghha. Spjega li l-ahhar zewg diretturi gieli rrappurtaw lil bord li kellhom xi problemi mal-imputat u l-bord kien jipprova jirranga c-cirkostanzi.

Spjega li fil-bidu ta’ din s-sena kien ircieva telefonata meta kien imsiefer, minghand Paul Portelli li kien Direttur u li

dakinhar kien spicca, li kien hemm xi kaz ta' misapproprjazzjoni mill-imputat. Ikkonferma li l-imputat kien cempillu fil-passat fuq zewg jew tlett okkazzjonijiet fejn kien qallu li kellu jiehu xi flus minhabba xi servizzi li kien ghamel qabel, u cioe qabel ma hu kien lahaq President. Qal li hu kien ghadda l-ilment tal-imputat lid-Direttur Generali li kien ha l-kaz f'idejh. Mistoqsi jekk kienx ta xi parir lil imputat dwar x'kellu jaghmel f'dawk ic-cirkostanzi, ix-xhud qal li nesa jekk kienx ghamel hekk.

Qal li l-probabilita hija li kien qallu jikteb lid-Direttur Generali, ghaliex s-soltu dawk l-pariri jaghti. Mistoqsi jekk kienx kellem lil Francis Aloisio fuq dik il-kwistjoni, ix-xhud qal li zgur li le ghaliex Francis Aloisio kien fil-bord qabel ma lahaq hu, anzi kien Direttur Generali qabel ma lahaq hu. Qal li hu ma kellu x'jaqsam xejn mieghu. Mistoqsi jekk l-bord kien kkonsulta ma Francis Aloisio fuq l-kwistjoni tal-imputat, ix-xhud wiegeb li ma kienx jaf. Mistoqsi jekk qatt gietx diskussa fil-*board level* l-kwistjoni tal-imputat, ix-xhud wiegeb li gieli kienet giet diskussa u fil-fatt darba minnhom sahansitra anke hu kien qajjimha u kienet ittiehdet d-decizjoni biex d-Direttur Generali jindaga u jara x'gara. Qal li fuq struzzjonjiet tieghu kienet anke marret quddiem l-*finance committee* pero dan tal-ahhar ma kienx konvint mill-*claims* li kien qed jaghmel l-imputat u dan minhabba xi nuqqas ta' *invoices* u dokumenti. Mistoqsi jekk jafx lil David Grech, ix-xhud wiegeb fl-affermattiv. Mistoqsi jekk David Grech qattx kellu xi kwistjoni simili bhal dik tal-imputat, x-xhud wiegeb li ma kienx jaf.

Illi nhar l-ghoxrin ta' Novembru 2006 **xehed Karm Busuttil** [fol 50] fejn qal li hu jokkupa l-kariga ta' Vici Presdient tar-Red Cross. Qal li lil imputat kien jafu fil-kapacita tieghu peress li kien *volunteer* u ko-ordinatur tal-Water Rescue. Qal li hu ma kienx jaf li l-imputat kellu xi *claim* mar-Red Cross li kellu jiehu xi flus. Qal li kien jaf li kien hemm xi kwistjoni sentejn qabel pero l-*finance committee* kien ha decizjoni li jekk kellu xi ricevuti kien lest li jhallas. Qal li l-imputat kien kellmu fuq din il-kwistjoni xi sentejn qabel. Mistoqsi jekk qatt qallu l-imputat ghaliex ma kien tah ricevuti, ix-xhud wiegeb li effettivament kellu

ricevuti u kien ghaddihom lil *finance clerk* certa Saliba dak iz-zmien. Ix-xhud qal li ma kienx jiftakar li l-imputat kien qallu li kien ghaddihom lil xi hadd Aloisio. Qal li jaf li kien qallu li r-rappresentati tar-Red Cross kienu qalulu li r-ricevuti tieghu intilfu. Qal li hu ma kienx tezorier u jekk effettivament saret xi decizjoni, din ma tkunx saret minnu, pero d-decizjoni kienet li jekk ikun hemm ricevuti jhallas u jekk ma jkunx hemm, ma jhallasx. Mistoqsi jekk qatt indaga din il-kwsitjoni ma Ruth Saliba, ix-xhud wiegeb li le. Mistoqsi jekk jafx lil David Grech, x-xhud wiegeb fl-affermattiv, u li dan kien Vici President tar-Red Cross wkoll. Qal li kien anke tezorier. Mistoqsi jekk kienx minnu li David Grech wkoll kellu xi problemi simili u ma kellux ricevuti, x-xhud qal li minn dan ma kienx cert. Qal li kien jaf li kien hemm xi kwistjoni li kellha x'taqsam ma David, pero l-fatti specie ta' kull kaz ma jafhomx. Qal li jaf pero li kienet dwar fi finanzi. Qal li kien fuq xi *travelling expenses*. Zied jghid li l-kwistjoni kienet li ma kellux ricevuti. Mistoqsi ghaliex kien qed jitlob flus minghand l-imputat, x-xhud wiegeb li ma kienx jaf.

Qal li l-volontarjeta tal-imputat tikkonsisti billi kellu grupp tal-Water Rescue u kien ko-ordinatur taghhom. Qal li kien jaf li l-imputat kien jaghmel hafna xoghol San Giljan u anke kellu xi ufficju, pero dettalji per se ma ftakarx. Spjega li sentejn jew tlieta qabel kien ikun fuq x-xatt jassisti hemmhekk u kellu grupp li kien jikkordina hu. Qal li s-servizzi li jghamlu l-voluntiera jithallsu tal-ispejjes li jkunu ghamlu minn parti ta' flejjes li jigbru l-ko-ordinaturi tar-Red Cross. Qal li l-voluntiera jixtru l-ikel u xorb taghhom matul l-gurnata, jipprovdu l-ircevuti w r-Red Cross thallashom. Mistoqsi jekk hu qatt ra l-ittra mibghuta mill-Professur Lino Cutajar esibita fl-atti bhala dokument 'Z', ix-xhud qal li ma kienx cert minn dan. Qal li <u>hu qatt m'awtorizza lil imputat biex isarraf cekkijiet intestati lir-Red Cross</u>.

Illi nhar l-ghoxrin ta' Novembru 2006 **xehdet Ruth Saliba** [fol 56] fejn qalet li lil imputat tafu bhala *volunteer* mar-Red Cross. Mistoqsija jekk tafx li l-imputat kellu xi kwistjoni li kellu jiehu xi finanzi mir-Red Cross, x-xhud wiegbet fl-affermattiv. Qalet li f'xi zmien meta kien hemm Direttur

Francis Aloisio, l-imputat kien tah xi ricevuti u hu qatt ma thallas taghhom u hu beda jiggieled ghalihom. Ziedet tghid li wara li ghadda xi zmien, hju kien staqsiha jekk kellhiex r-ricevuti hi u hi rrispondietu li ma kellhiex ricevuti u li Francis Aloisio qatt ma tahomlha. Qal li kien hemm okkazzjoni ohra meta l-imputat kien taha xi ricevuti lil Mauro Parascandolo u dawk intilfu wkoll. Ziedet tghid li kien hemm kaz iehor fejn l-imputat kien ghadda xi ricevuti lil Paul Portelli, Direttur iehor, li kienu ser jintilfu wkoll pero hi salvat s-sitwazzjoni billi kienet harget *print out* mill-*excel sheet* u ffirmatha hi stess. Qalet li Paul Portelli kien kellimha dwar din s-sitwazzjoni u kien staqsiha jekk kien hemm din il-kwistjoni jew le u hu kien hass li ma kellux jidhol fiha. Ziedet tghid li hi kienet qaltlu li hu kien Direttur Generali dakinhar u li kienet taf li l-imputat kien kiteb xi ittra lil President u kien ghamel kopja taghha lid-Direttur Generali.

Qalet li lil Paul Portelli kienet qaltlu li r-ricevuti tal-imputat li kellu *claim* dwarhom hi kienet rathom. Qalet pero li kienet taf li l-imputat ma kienx thallas ghal dawk r-ricevuti ghaliex kieku kienet tohrog c-cekk hi stess. Qalet li kienet taf li l-imputat kien ghamel kors ta' *rescue* mar-Razzett tal-Hbiberija u kien beda jiehu hsieb hu u sahansitra anke johrog c-certifikati kif kien soltu jaghmel. Qalet li huma hargu c-cekk tieghu bhala *instructor*. Ziedet tghid li hu kien qalilha li kien ser jigbor il-flus tar-Razzett tal-Hbiberija u li kien ser jzommhom ghaliex ma kellux flus u li kellu jiehu xi flejjes mir-Red Cross. Qalet li hi kienet qaltlu *alright* u li pero riedu jkellmu lid-Direttur.

Spjegat li dwar il-kors huma kienu jafu u fil-fatt hu anke registrat fil-*computer*. Qalet li darba minnhom l-imputat kien mar Sqallija ma Francis Aloisio w ghamel *claim* ghal flus tal-vjagg u hallsuh u wara kien ppresenta r-ricevuti quddiem Mauro Pace Parascandolo u dan kien argumenta mieghu li effettivament kien diga thallas tieghu u dan nonostante kien iffirmalu xi cekk.

Qalet li hi kellha kaz wkoll kriminali mar-Red Cross pero l-kaz huwa deciz. Qalet li l-kors li kien ghamel l-imputat kien f'isem r-Red Cross. Qalet li hi kienet tahdem fl-

*administration* tar-Red Cross. Qalet li hi dehrilha li kellha tghidlu biex izomm l-flus sabiex huwa jiehu l-flus ta' dak li kellu jiehu kif gara f'kazijiet ohra. Qalet li kienet taf li ma kellhiex awtorita tghidlu biex izomm l-flus ghalih, pero kienu d-Diretturi stess li gieli qalulha taghmel dan. Qalet li mill-kaz tal-imputat ma kellhiex cans biex tiehu *over* ghaliex kienet taf li l-imputat kien ghamel *claim* mad-Diretturi tieghu pero ma kienetx taf li l-*claim* tieghu ma kienetx giet accettata. Qalet li sa fejn kienet taf hi, kienu jghidulu li *they were going to talk about it*. Qalet li hi ma tiffirmax cekkijiet tar-Red Cross.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat huwa akkuzat bir-reat t'approprjazzjoni indebita ai termini tal-artikolu 293 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta li ghandu tlett elementi ntinsici u cioe li dak li jkun zamm il-flus jew oggett ghalih, ikun

a. ha flus jew haga ta' haddiehor li jkunu gew fdati jew ikkonsenjati lilu u hawn qed issir referenza ghas-somma ta' tlett mitt lira maltin li gew mghoddija lilu minn Mark Sultana;
b. taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-flus jew haga, jew illi jsir uzu minnu specifikat li skond l-imputat, zamm ghalih minflok ma ghaddieh lir-Red Cross; u
c. kull min japproprja ruhu billi jdawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, li skond l-imputat, zamm ghalih taht il-pretiza ghaliex kellu jiehu mill-istess socjeta.

Fil-fatt, **Luigi Maino** fil-ktieb tieghu ***Commento al Codice Penale Italiano Vol. V pg. 347*** jghid:

*"L'approprazione indebita si consuma col disporre delle cose contro la legge del patto stipulato a buona fede."*

Id-difiza sostniet li l-imputat ma kellux d-dolo ghal dan r-reat ghaliex qatt ma kellu l-intezjoni li ma jhallasx lil Malta Red Cross.

Bir-rispett kollu l-Qorti thoss li l-imputat qed jilghab bil-kliem u dan ghaliex kif del resto gie rilevat fis-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sbatax ta' April 1998*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Raymond Falzon,** l-element formali ta' dan r-reat jikkonsisti fil-'*volontarieta delle conversione con scienza della sua illegitimita e del fine di lucro*' [***Maino Op. Cit. p. 105***].

Huwa minnu li hemm certi awturi bhal **Giovanni Giuffre'** li jghid li l-intenzjoni li wiehed jirrestitwixxi l-oggett jinnewtralizza l-iskop ta' qligh jew profit bi pregudizzju tal-vittma [profit li del resto m'ghandhux ghalfejn ikun wiehed pekunarju]. Tali intenzjoni izda, irid ikollha bhala fondament c-certezza tar-restituzzjoni u mhux tkun semplicement ibbazata fuq l-isperanza tal-eventwali restituzzjoni. Tali intenzjoni fil-parti l-kbira tal-kazijiet, timmanifesta ruhha fir-restituzzjoni effettiva w immedjata li f'dan il-kaz ma sehhitx.

Dan r-reat, jiddistingwixxi ruhu mir-reati ta' serq ghax l-oggett li jkun gie moghti lil agent voluntarjament, u mhux jittiehed kontra l-volunta jew minghajr l-kunsens tad-detentur, u jiddistingwixxi ruhu mit-truffa ghaliex d-detentur tal-haga ma jigix ingannat permezz ta' raggiri jew artifizji biex jitlaq minn idejh dik l-haga favur l-agent [vide **Il-Pulizija v Enrico Petroni et *deciza nhar d-disgha ta' Gunju 1998 mill-Qorti tal-Appell Kriminali***.]

Kif tajjeb gie mfisser fis-sentenza **Il-Pulizija v Joseph Muscat *deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tlieta ta' Marzu 1997***,

*"L-element partikolari tar-reati ta' approprjazzjoni indebita, mhux l-uzu ta' ingann da parti tal-agent biex jottjeni l-oggett, izda l-intenzjoni tat-titolu tal-pussess tal-haga li l-agent ikun ottjena minghand s-suggett passiv bil-libera volonta ta' dan."*

Issa , f’dan il-kaz, ma hemmx dubbju li Mark Sultana ghan-nom tar-Razzett tal-Hbiberija, ghadda s-somma ta’ tlett mitt lira maltin lil imputat bhala pagament ghal kors li hu ghamel ghan-nies tar-Red Cross. Ma hemmx dubbju wkoll li l-imputat kien jaf li l-flus ma kienux tieghu u li ma kienx intitolat ghalihom. Veru kemm jista jkun veru li kellu jiehu minghand l-Malta Red Cross, ma jfissirx li l-imputat setgha jzomm l-flus li kellu tas-socjeta, molto piu meta irrizulta li kien jaf li l-claim tieghu kienet giet trattata u michuda.

Dak li ghamel l-imputat huwa proprju dak li jaqa fil-parametri tar-reat t’approprjazzjoni indebita w ghalhekk ghandu jinstab hati ta’ dan r-reat.

Il-Qorti rat l-fedina penali tal-imputat kif esibita fl-atti a fol 3 mmarkata bhala dokument CSH 1, u minn ezami tal-istess jirrizulta li l-imputat ghandu biss kontravenzjoni wahda registrata fuqha li sehhet fis-sena 1985 w ghalhekk ghandu jigi trattat daqs li kieku hu *a first time offender*.

**Il-Qorti**, wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe` l-artikolu 293 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta **tiddikjara li ssib lill-imputat ORAZIO ZAHRA hati tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront tieghu** u tiddecidi li, f’dawn ic-cirkostanzi, tpoggih taht ordni ta' Ufficjal tal-Probation ghal perjodu massimu ta' tmintax [18] il-xahar mill-lum ai termini tal-artikolu 7(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-ghan li jzomm boghod mill-hajja kriminali u bil-ghan li ma jkunx hemm ripetizzjoni ta' reati simili u dan taht l-kundizzjonijiet segwenti:

**1. Li l-imputat probationer Orazio Zahra ghandu, matul dan il-perjodu ta' probation ta' tmintax [18] il-xahar, igib ruhu tajjeb, jghaddi hajja ta' bzulija u joqghod ghad-direttivi kollha tal-Probation Officer li ser jigi nominat mid-Direttur ta' tali servizzi, inkluz kull direttivi li l-istess ufficjal jhoss li jkunu necessarji sabiex ma jiffrekwentax certu postijiet u/jew certi nies;**

**2. Illi l-imputat probationer Orazio Zahra ghandu jibqa jzomm kuntatt kontinwu mal-istess Probation Officer nominat skond d-direttivi li dan jaghtih minn zmien ghal zmien u partikolarment huwa ghandu, jekk l-istess Probation Officer jkun jrid hekk, jircievi zjarat min ghandu fid-dar fejn qed jirrisjedi;**

**3. Illi l-imputat probationer Orazio Zahra ghandu jghix fir-residenza tieghu tul l-perjodu kollu ta' tlett snin u jkun jista jbiddel tali indirizz biss bl-approvazzjoni tal-istess Ufficjal tal-Probation;**

**4. Illi l-imputat probationer Orazio Zahra ghandu jidher quddiem il-Qorti flimkien mal-istess Probation Officer kull meta hu rikjest bl-iskop li l-Qorti jkollha rapport dwar l-andament u l-imgieba tal-istess imputat probationer.**

**In oltre, ai termini tal-artikolu 24 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, tordna lil imputat ihallas s-somma ta’ tlett mitt lira maltin lis-socjeta Malta Red Cross u dan fi zmien xahrejn [2] mill-lum.**

Il-Qorti spjiegat fi kliem car l-import ta' din is-sentenza lil imputat probationer u x'jigri jekk jonqos li josservaha u l-imputat probationer iddikjara li fehem ben tajjeb.

**Dwar t-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex ai fini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tikkundanna lil imputat jhallas l-ispejjes inkorsi mal-hatra ta' periti jew esperti, il-Qorti tastjeni milli konjizzjoni ta' tali talba stante li ebda perit jew espert ma gie nominat fil-mori tal-kumpilazzjoni.**

**Il-Qorti tordna li din s-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Ufficju tal-Probation sabiex jigi nominat il-kandidat idoneju ghal dan l-ghan kif wkoll lil Presdient tal-Malta Red Cross.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------